MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Numru 774/2000

**Artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279(2), 280, 281, 334, 20, 22, 23 u 533**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Walter Spiteri**
**V**

**EMILIO AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMILIO AGIUS** ta' hamsa w sittin sena bin Joseph u Letterina nee Zammit, imwieled Rahal Gdid nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1935 u residenti 'Petit Fleur House', Triq il-Qasab, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 483335M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Novembru 2000 f'Hal Ghaxaq, ikkommetta serq ta' Hymac tat-tip Caterpillar liema serq

huwa ggravat bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruq ghad-dannu ta' Andrew Briffa u Mario Briffa u talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu Hymac tat-tip Caterpillar misruq w indhal biex jbieghu jew imexxih.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali datati tlieta ta' Awissu 2001 esebiti fl-atti a fol 46 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti datat disgha w ghoxrin ta' Awissu 2001 a fol 47 tal-atti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2003.

Ikkunsidrat:

Illi fil-wiehed u tletin ta' Jannar 2001 **xehed l-Ispettur Walter Spiteri** fejn spjiega li nhar d-disgha ta' Novembru 2000 il-Pulizija taz-Zejtun kienet irceviet rapport minghand Andrew Briffa li minn fuq il-building site f'Hal Ghaxaq, kienu ttiehdu Hymac Caterpillar u li kellu suspett f'certu Emilio Agius. Andrew Briffa kien spjiegalu li huwa kien xtara dan il-Hymac minghand l-imputat u kien ried jithallas f'daqqa meta in effetti kien part exchange ma xoghol li kien ghamel l-istess Briffa.

Skond l-Ispettur Walter Spiteri, l-imputat kien qallu li verament kien hu li ha l-Hymac ghaliex Briffa ma riedx jhallsu ghal bejgh tieghu.

**L-Ispettur Walter Spiteri esibixxa** wkoll affidavits li kien ircieva ta' Mario Briffa u Andrew Briffa markat bhala dokument WS 3 u WS 4 esibiti a fol 13 u 14 tal-atti odjerni, pero stqarr li fil-ligi penali hemm regola kardinali li l-ahjar prova hija dik ta' xhieda moghtija viva voce l-Qorti.

Din il-Qorti kif preseduta qed tiskarta l-validita ta' dawn l-affidavits u tiddikjara li ai fini ta' din s-sentenza mhux ser taghti kazhom.

Il-Qorti ezaminat r-rapport mehud minn PS 359 Carmel Abdilla nhar l-hamsa ta' Jannar 2000 li jinsab esibit f'dawn l-atti bhala dokument WS 5 u minn ezami tal-istess, jirrizulta li a tempo vergine tal-investigazzjoni, l-imputat kien stqarr mieghu li kien biegh l-Hymac lil ahwa Briffa xi sentejn qabel u li ma kienux hallsuh. Fil-fatt ghalhekk l-imputat ammetta mieghu li, fil-fehma tieghu, l-Hymac ghalhekk baqa tieghu u li hu kellu kull dritt imur u jiehdu lura, tant anke li sostna li kellu azzjoni civili ghad-danni li sofra minhabba in-nuqqas ta' uzu tieghu. **PS 359 Carmelo Abdilla kkonferma l-versjoni tieghu tal-fatti viva voce l-Qorti** nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2002 kif jirrizulta a fol 63 tal-atti odjerni.

**Andrew Briffa xehed** nhar s-sittax ta' Frar 2001, fejn stqarr li huwa minnu li originarjament l-Hymac kien tal-imputat pero wara certu zmien kien bieghulhom ghal prezz ta' tmint elef lira pero peress li kellu l-hsara li giet stmata ghal hamest elef lira maltin Briffa kellu jghaddi is-somma ta' tlett elef lira maltin lil imputat. Huma pero fhemu li s-somma kellha tithallas bi tpartit ghal xoghol. F'xi hin l-imputat rega' bdielu u ried jithallas cash, Briffa ma kellux u ghalhekk mar u gabru mill-bitha ta' Briffa stess.

**Mario Briffa xehed** fl-istess jum fejn ikkonferma dak li qal huh Andrew Briffa billi stqarr li huma kienu xtraw il-Hymac minghand l-imputat. Ikkonferma wkoll li l-ftehim kien li l-imputat kien ser jithallas b'xoghol waqt li f'xi hin l-imputat rega' bdielu u ried flus cash u mhux aktar tpartit ta' xoghol u meta l-imputat sar jaf li l-ahwa Briffa ma kellhomx flus, mar fuq il-post fejn kien stazzjonat u hadu.

**L-imputat xehed** nhar l-hamsa ta' Dicembru 2001 kif jirrizulta a fol 52 tal-atti odjerni. Huwa stqarr li l-kwerelanti fuq struzzjonijiet tieghu kienu garru l-Hymac minn post f'H'Attard ghal proprjeta taghhom. Huwa cahad li kien biegh dan il-Hymac lil ahwa Briffa ghalkemm kienu riedu

jixtruh. Huwa pero jikkonferma li kien hu li hadu minn fejn kien stazzjonat minghajr il-permess tal-ahwa Briffa ghalkemm kien jinstab fil-proprjeta taghhom. Huwa cahad li kien qal id-diskors li PS 359 Carmelo Abdilla jghid li qallu u cioe li kien biegh il-Hymac lil ahwa Briffa, pero jghid li kien lest li jbieghulhom una volta jhallsuh minnufih. L-imputat a fol 65 tal-atti jammetti li kien hu li ha l-Hymac minn fuq l-lant tax-xoghol u li mar javza lil Pulizija dwar dan.

**Antonio Gwiga xhud tad-Difiza** xehed nhar il-hamsa ta' Dicembru 2001 fejn stqarr li kien hu li ntroduca lil imputat lil Andrew Briffa u li fil-presenza tieghu, Briffa offra li jgorrlu l-Hymac u jzommu fil-bitha tieghu. Cert li kien jaf li l-imputat kien qed jitlob tlettax il-elf lira ghal dan il-Hymac pero f'kaz li l-ahwa Briffa kienu disposti jixtruh cash kien lest li jbieghu ghal prezz ta' tmint elef u hames mitt lira maltin.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fuq kredibilita tax-xhieda u cioe il-Qorti trid jew taqbel mal-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat u cioe li mar jigbor l-Hymac tieghu li kien mizmum mill-kwerelanti originarjament bil-bouna volunta taghhom jew temmen lil kwerelati li jghidu li l-imputat bieghilhom l-Hymac bil-ftehim li l-imputat kellu jithallas bi tpartit ta' xoghol u li sussegwentement rega' bdielu u ried jithallas cash.

Din il-Qorti kif preseduta kellha kull opportunita tezamina bir-reqqa kollha x-xhieda li xhedu f'dawn il-proceduri, hadet qies ta' l-imgieba taghhom, l-interess li setgha kellhom f'dak li qalu waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda u l-kondotta taghhom u tqis illi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-kwerelati w ikkonfermata mill-Ufficjal tal-Pulizija hija aktar kredibbli u attendibbli fic-cirkostanzi.

Il-Qorti taqbel mal-principji legali enuncjati mid-Difiza dwar t-tifsira tar-reat ta' serq pero ma thossx li dan r-reat jirrizulta mhux ghar-ragunijiet moghtija, mill-istess Difiza u cioe li l-oggetti jappartjenu lilu, izda peress li l-imputat ha l-Hymac mill-pussess tal-kwerelati mhux b'*animo di farne lucro* izda bil-pretensjoni li kellu kull dritt ghalih peress li

ma kienx ghadu thallas kif del resto stqarru w ikkonfermaw l-istess ahwa Briffa.

Illi ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-imputat u cioe li ha l-Hymac minghand terzi, dan ghamlu ghaliex haseb li kellu kull jedd ghalih u ha b'idejh dak li setgha jiehu bil-ligi.

Illi **l-Qorti** thoss li l-akkuza ta' ricettazzjoni tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 261(c)(g), 267, 271, 279(2), 280, 281, 334, 20, 22, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputat EMILIO AGIUS hati tal-akkuza ta' serq u tilliberah minnha u tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi ta' raggion fattasi u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------